Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,275, 4 ta' Ottubru, 2019
Taqsima B

A.L. 262 tal-2019

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2019 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Edukazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali 161 tal-2016, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-15 ta' Settembru, 2019 'il quddiem.

L-Emenda għall-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tal-ordinament 1 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord;

"il-Fakultà " tfisser il-Fakultà tal-Edukazzjoni;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL – fil-qasam rilevanti;

"il-Kors" tfisser il-programm ta'studju li jwassal għall-grad ta' Master in Teaching and Learning – MTL;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Education (P.G.Dip.); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad, 2008."

L-Emenda għall-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok il-paragrafu (9) tal-ordinament 13 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(9) L-istudenti li jeħlu fl-esperjenza fil-qasam tax-xogħol tal-ewwel sena għandhom jitħallew jirreferu l-esperjenza fil-qasam tax-xogħol għas-sena ta' wara darba biss. Dawn l-istudenti mbagħad ikunu meħtieġa jagħmlu l-esperjenza fil-qasam tax-xogħol tal-aħħar sena f'sena addizzjonali ta' studju, skont dawk il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-Bord, sakemm li:

(i) l-istudenti li l-esperjenza fil-qasam tax-xogħol tagħhom tinkludi t-tagħlim ta' żewġ oqsma ta' tagħlim u li ma jissodisfawx lill-eżaminaturi fit-tagħlim ta' waħda mill-oqsma ta' tagħlim ikunu meqjusa li weħlu mill-esperjenza fil-qasam tax-xogħol iżda jistgħu jitħallew jirrepetu biss l-esperjenza fil-qasam tax-xogħol fil-qasam ta' tagħlim li jkunu weħlu fih, jekk eliġibbli skont ir-Regolamenti Prinċipali u skont dawn l-ordinamenti, u

(ii) l-istudenti jitħallew jirrepetu waħda biss miż-żewġ esperjenzi fil-qasam tal-xogħol."